**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 64 – IT-TNEJN 14 TA' MARZU 2011**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Carmel Caruana | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tlieta u sittin (63) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn l-1 ta' Marzu u l- 14 ta' Marzu 2011.

2.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0550/11. Din kienet konferma mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali li rċeviet l-ittra għat-talba ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid.

2.2 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0572/11. Konferma mingħand il-Contract Manager tal-Kunsill li hu kien sejjer jispezzjona l-bankina ġdida (parti minnha) li saret fi Triq Dun Karm Service Road.

2.3 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondneza Nru. 0587/11. Din kienet ittra li bagħat il-Kunsill Lokali lis-Supretendent ta' Birkirkara fuq ilment dwar qsari li tpoġġew fuq il-bankina ta' Triq Pawlu Grech mingħajr permess u li qed jostakolaw l-istess bankina.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn l-1 ta' Marzu u l-14 ta' Marzu 2011, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilmenti fuq bozoz Nru 03/11-4 (Triq San Mikiel – W033); Nru. 140212 (L110 - Triq Erin Seracino Inglott) Nru. 140761 (W073 - Triq Guze Ellul Mercer ) Nru. 10/03-1 ( W078 – Pjazza Ninu Cremona ) u Nru. 140840 (Y006 – Triq il-Mużika) dawn ġew irrappurtati minnufih.

3.3 Rigward talba Nru. 03/11-1 biex issir "yellow-box" quddiem Caro Garage". Is-Sindku Anthony Dalli diġa iltaqa' mas-sid fuq din it-talba.

3.4 Rigward ilment Nru. 03/11-2 li Gallarija Darmanin qed iħallu l-kaxxi fil-parapett ta' quddiem l-istore tagħhom u meta tagħmel ix-xita jħallu ħafna ħmieġ. Il-Kunsill Lokali kien diġa avżah biex jieħu passi u sejjer jerġa jiktiblu.

3.5 Rigward ilment Nru. 03/11-3 dwar residenta minn Triq Censu Bugeja irrabjata ħafna dwar vetturi ipparkjati ġranet sħaħ f'din it-triq meta hemm it-tabelli tal-ħin. Il-Wardens qatt ma ngħataw ordni biex f'dawn it-toroq ma' ssirx sorveljanza.

3.6 Rigward talba Nru. 10/03-2 biex fil-Bus Shelter ta' Triq Dun Karm isir ilqugħ minħabba l-ilma. Dan l-ilment sejjer jintbagħat lit-Trasport Malta li għalih huwa responsabbli.

3.7 Rigward ilmenti Nru. 10/03-3 u Nru 10/03-4 dwar bankina

imkissra fi Pjazza Ninu Cremona minħabba is-siġar u biex jinżabru . Il-Kunsill Lokali xi żmien ilu beda l-proċess biex din titranġa u ġab espert tal-Agrikultura. Is-siġar sejrin jinżabru l-quddiem.

3.8 Rigward talba Nru. 11/03-1 biex issir “refreshing” tal-Yellow-line quddiem dar numru 34/36 Triq Ġwann Mamo. Il-Kunsill Lokali qed jinvestiga dan l-ilment.

3.9 Rigward talba Nru. 11/03-2 u Nru. 11/03-3 biex jintbagħtu l-Wardens għaliex qed jipparkjaw fuq id-double-yellow line li hemm quddiem 34/36 Triq Ġwann Mamo. Il-Kunsill Lokali qed jinvestiga.

3.10 Rigward talba Nru. 14/03-1 biex isir double-yellow line quddiem store Nru. 42 Triq Richard Taylor peress li għandu van twil u ma’ jistax joħroġ peress li jipparkjaw vetturi faċċata. Il-Kunsill Lokali sejjer jinvestiga dan il-kaz.

4. **ĦLAS TA’ KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.**

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta’ kredituri kif tidher annessa f’dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli ‘mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

**5. MATERJI KONNESSI MA’ L-AWTORITA’ TA’ L-IPPJANAR.**

5.1 l-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta’ l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 04728/10.87. Triq Dun Karm c/w Triq Ġuże Bonnici . Biex isir xi tibdil u alterazzjonijiet fuq id-dar eżistenti. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.3 Dwar PA 04127/10. 130 Triq Geronimo Abos. Biex jinbena saqaf għat-tnixxif tal-ħwejjeġ fuq il-maisonette fl-ewwel sular. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.4 Dwar PA 01668/10. 9, Triq Richard Taylor. Tibdil fl-użu tal-garaxx għall-kiri ta’ vetturi u tabella. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.5 Dwar PA 03444/09. The Model Shop, Triq Geronimo Abos . c/w Triq dun Karm. Applikazzjoni biex isir tibdil żgħir fis-sular terran tal-ħanut. Tibdil minn residenza għal sit kummerċjali fl-ewwel sular u jingħaqad ma' l-uffiċċju fl-ewwel sular.

5.6 Dwar PA 00282/10. Hal Mann Car Wash Triq San Mikiel c/w Triq in-Naxxar. Upgrading ta' Car wash eżistenti, installazzjoni ta' P.V panels, reservoir taħt l-art, tabella ta' ħanut u 'change of use' minn Klassi IV għall-Klassi V! Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

## 6. APROVAZZJONI TAL-PJAN TA' TLETT SNIN.

6.1. Is-Sindku Anthony Dalli għamel riferenza għal dan ir-rapport u qal li dan huwa pjan li sejjer jimxi fuqu l-Kunsill għat-tlett snin li ġejjin.

6.2 Wara li qara "l-introduzzjoni tas-Sindku" u għadda biex jagħti spjegazzjoni tal-proġetti pendenti għas-snin li ġejjin.

6.3 Wara li staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet dwar dan il-Pjan, dan għadda għall-approvazzjoni tal-Kunsilll.

6.4 Ir-Rapport ġie approvat unanimament.

## 7. GĦAŻLA TA' L-OFFERTI GĦAD-DAWL ĠDID FI PJAZZA NINU CREMONA.

7.1 Is-Sindku Anthony Dalli għamel riferenza għat-tlett kwotazzjonijiet li kien irċieva l-Kunsill Lokali mingħand tlett kuntratturi li kienu bagħtu l-prezzijiet tagħhom:

1. Mica Med Ltd. Prezz ta' €6287.50
2. Central Power Installations Ltd. Prezz ta' €6216.24
3. Mark Anthony Bonello Prezz ta' €5105.63

7.2 Wara li saret analiżi fuqhom, il-Kunsill iddeċieda li jmur għall-irħas waħda għaliex din kella wkoll ir-rekwiżiti kollha u jaddatta l-proposta mogħtija mill-Kuntrattur.

7.3 Il-proposta ġiet approvata unanimament.

## 8 ENERGY DAY

8.1 Is -Sindku Anthony Dalli qal li l-preparamenti għal-"Energy Day" kienu mexjin tajjab ħafna. Hu qal li rċevejna risposta mingħand Smart Lights Systems fejn aċċettaw li jagħtuna tabella bis-Solar b'xejn u aħna nixtru 2 oħra bil-prezz ta' €375 bla vat 'il waħda.

8.2 Il-Flyer għall-Energy Day kien miexi ‘l quddiem u dan sejjer jiġi stampat b’xejn mid-ditta PC Options Ltd (Scan Computers) bħala promozzjoni għad-ditta stess.
Aktar dettalji jingħataw iżjed ‘il quddiem.

**9.. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.**

9.1 Is-Sindku Anthony Dalli għamel referenza għat-Tender li kien ħareġ il-Kunsill fuq l-iskema tal-“Public Private Partnership” fejn il-Kunsill joħroġ 50% tal-ispejjez biex isiru toroq fil-lokalita’ u d-Dipartiment joħroġ il-50% l-oħra .
Hu żied jgħid li d-Dipartiment aċċetta li jħallas l-ispejjez żejda tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma li kienu sejrin ilaħħqu s-somma ta’ €2700.
Fuq din il-proposta, il-Kunsill Lokali iffirma l-kuntratt mal-WSC biex isiru x-xogħlijiet meħtieġa fi Triq Ħwawar u Triq Frederick Borg.

9.2 Is-Sindku ħabbar ukoll li l-applikazjoni Nru. PA 0595/09 għall-proġett tal-Multi-Purpose Pitch u Carpark għadda għall-approvazzjoni quddiem il-Board tad-DCC bir-rikomandazzjoni “Grant Permission”.

**10. AĠĠORNAMENT .**

10.1 Qabel ma spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 28 ta’ Marzu 2011 fil-5.30pm.

10.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta’ nhar it-Tnejn 28 ta’ Marzu 2011 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |